MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2004

**Il-Pulizija**
**Sp Denis Theuma**
**Sp Simon Galea**
**vs**
**Jason Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet maghmula kontra Jason Micllef ta' 30 sena mwieled Toronto Ontario Canada fit-18 ta' Settembru 1971 iben Mariot u Sylvia nee Camenzuli u li joqghod Sunrise Triq il-Grecja Naxxar, ID 272888M.

Akkuzat talli fit-12 ta' Frar 2002 ghall-habta tas-7.00pm fin-Naxxar volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli cioe vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAO 773, liema ammont ta' hsara jammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltin (LM50), izda ma jeccedix il-hames mitt lira (LM500) Maltin ghad-

detriment ta’ Martin Galdes minn Hal Qormi u dan bi ksur tal-artikolu 325 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew ipoggi l-hajja ta’ haddiehor f’periklu car izda biss bil-hsieb li jaghmel offiza gravi fuq il-persuna ta’ haddiehor, kkaguna offizi fuq il-persuna ta’ Sonia Micallef, Amy Micallef, Anna Cauchi, Abigail Cauchi u Yana Cauchi.

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi kkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ Abigail Cauchi u Amy Micallef skond kif ccertifika t-Tabib Raymond Grixti mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta.

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi waddab oggetti ohra iebsin fid-direzzjoni ta’ Sonia Micallef, Amy Micallef, Anna Micallef, Abigail Cauchi u Yana Cauchi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali a fol 5 tal-process biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat ukoll li fl-interrogatorju l-istess Jason Micallef wiegeb li ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Mistoqsi x’ried iwiegeb ghall-akkuzi l-istess Jason Micallef wiegeb li mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Semghet il-provi kollha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat illi din il-kawza tirrigwarda allegatament tfiegh ta’ gebla u barmil kontenti hmieg ta’ kelb lejn vettura misjuqa minn Sonia Micallef waqt li fl-istess vettura kien hemm kemm Anna Cauchi kif ukoll tfal tal-istess Cauchi u ta’ Micallef mill-akkuzat Jason Micallef li jigi r-ragel tal-istess Sonia Micallef. Rizultat ta’ dan it-tfiegh tal-barmil u anke jekk jirrizulta gebla sar minn fuq il-bejt tar-residenza matrimonjali tal-konjugi Micallef f’liema residenza jirrizulta li qed jghix biss l-istess Jason Micallef, lejn il-vettura Fiat bin-numru ta’ registrazzjoni DAO 773 ghad-detriment ta’

Martin Galdes. Fl-istess incident allegatament gew sofferti wkoll griehi ta’ natura hafifa mill-passiggieri tal-istess vettura.

Illi minn harsa lejn il-provi jirrizultaw is-segwenti fatti. Ghalhekk ittella’ jixhed certu Martin Galdes li dan xehed li hu kellu karozza Fiat Uno liema karozza hu kien isellef lil ohtu. Irrakonta li darba minnhom gie imcempel mill-ghassa tan-Naxxar fejn hemm acceda u hemm ra l-istess vettura tieghu bil-hgieg imkisser bil-hmieg tal-klieb go fiha. Qal ukoll li hutu kienu kollha riha ta’ klieb. Dwar l-istimi tal-hsara li garrbet il-karozza l-istess Galdes gie muri tlett dokumenti ga precedentement esebiti fl-atti tal-kawza a fol 17, 18 u 19 tal-process, esebiti fil-fatt mill-Ispettur Simon Galea fil-kors tad-deposizzjoni tieghu u kkonferma li dawk id-dokumenti kienu jirrapresentaw il-hsara sofferta fil-vettura tieghu fl-incident in dizamina. Jigi precizat li Martin Galdes ma kienx prezenti ghal dan l-incident.

Fir-rigward tat-tlett dokumenti msemmija ttella’ jixhed certu Renald Pisani a fol 58 u 59 tal-process u kkonferma li d-dokument FM1 u FM2 kienu dokumenti mahruga minn New Waldorf Part Service. Fil-konfront tad-dokument SM ittella’ wkoll George Faenza, fejn hareg stima, mhux ricevuta din id-darba tad-dokument hawn fuq imsemmi biex isir ix-xoghol fuq id-daqqa li sofriet il-vettura Fiat. Dwar il-vettura DAO- 773 Brian Farrugia, r-rapprezentant tad-Direttur tat-Traffiku kkonferma li l-istess vettura kienet tghajjat lil Martin Galdes minn Hal Qormi.

Xehdet ukoll Sonia Micallef, mart l-akkuzat. Importanti wkoll biex wiehed jifhem l-animu ta’ dawn l-azzjonijiet u allegazzjonijiet in ezami li l-akkuzat u martu ghaddejin minn kawza ta’ separazzjoni. Ghalhekk l-istess Sonia Micallef irrakontat li hi fuq parir tal-avukat taghha kienet qed taghmel l-ghassa hdejn id-dar matrimonjali taghhom fejn zewgha jabita u hemmhekk hija rat l-istess zewgha hiereg ‘maghha’ a fol 44. Hawnhekk fix-xhieda taghha l-istess Sonia Micallef taghti x’tifhem li zewgha l-akkuzat ghandu relazzjoni ma’ terza persuna tas-sess feminili li fil-fatt kienet hierga mid-dar matrimonjali. Tghid l-istess Sonia Micallef li kif ra hekk, zewgha u din it-terza persuna

dahlu gewwa, ovvjament ghax skond hi zewgha baqa' ccassat lejn il-karozza li hi ta' huha u allura wiehed jippresumi li jaghrafha, dahlu gewwa u ma hargux mid-dar matrimonjali. Kien hawnhekk li ohtha qaltilha li kien ser jitfa' xihaga, presumibilment, ovvjament minn fuq il-bejt. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni ghaliex l-istess xhud waqt id-deposizzjoni taghha qalet li semghet il-kelb jinbah u l-istess kelb zewgha kien izommu fuq il-bejt tad-dar matrimonjali. Tghid l-istess xhud li hi ma ratx dak li gie mitfugh minn fuq il-bejt pero' semghet il-hoss. Qabel semghet il-hoss tghid li semghet lil ohtha tghidilha biex issuq ghaliex kien ser jitfa xi haga. Hi ma lahqitx fil-fatt saqet u zewgha lahaq tefa'. Dan dejjem fi kliemha a fol 47 tal-process. Hi tghid li dak il-hin hi ma ratx x'kien gie mitfugh lejn il-karozza, semghet biss il-hoss, harset lura u rat bicciet ta' gebel zghar li jidhru fuq ir-ritratt u hmieg tal-klieb. Ta' dawn il-fatt hi esebiet id-Dok SM3 li huma sensiela ta' ritratti esebiti a fol 52 tal-process mehuda minnha stess. Tkompli s-sinjura Micallef li fil-fatt irrizulta li zewgha kien tefa' barmil pero' stante li hi l-barmil ma ratux u semghet il-hoss, meta harset lejh rat il-bicciet ta' gebel zghar li jidhru fir-ritratt flimkien mal-hmieg tal-kelb, hi hasbet li fil-fatti zewgha minflok il-barmil jew mal-barmil kien tefa' xi gebla u kien dan ir-rapport li fil-fatt hi ghamlet l-ghassa tal-pulizija tan-Naxxar fejn accediet immedjatament wara dan l-incident. L-istess Sonia Micallef flimkien ma' Anna Cauchi fil-fatt wara li accedew l-ghassa tal-pulizija tan-Naxxar gew mibghuta il-poliklinika minhabba li l-minuri ulied l-istess Micallef u Cauchi sofrew xi griehi ta' natura hafifa u ghalhekk intalbu jgibu certifikat mediku. Dwar dawn l-istess certifikati dawn gew esebiti mill-istess Spettur Simon Galea fid-depsizzjoni tieghu. Dawn ic-certifikati, wiehed fil-konfront ta' Amy Micallef u l-iehor fil-konfront ta' Abigail Cauchi, it-tnejn mahruga fit-12 ta' Frar 2002 (ghalkemm dak mahrug fil-konfront ta' Abigail Cauchi juri s-sena 2001) jitkellmu fuq injuries of a minor nature, cioe griehi ta' natura hafifa. Dawn ic-certifikati t-tnejn gew rilaxxjati minn Dr. Raymond Grixti ghall-habta tat-8.00pm. F'dan il-konfront ttella' anke jixhed Dr. Raymond Grixti li kkonferma li hu kien fil-fatti hareg dawk iz-zewg certifikati u mix-xhieda tieghu jidher li fil-fatti dawk iz-zewg certifikati harighom fl-istess jum u

hin, l-istess tabib Grixti kkonferma l-griehi kif imnizzel fuq ic-certifikati. Kkonferma wkoll li dawn iz-zewgt itfal kellhom riha partikolari fuqhom. Meta mistoqsi x’riha kienet din ir-riha partikolari, Dr. Grixti a fol 22 wiegeb hekk ’riha ta’ materjal ta’ annimali, hmieg ta’ annimali. Jien xammejt riha, materjal as such ma jidhirlix li rajt u ordnajt li l-feriti jigu mnaddfa sewwa.’ (a fol 22 tal-process).

Sonia Micallef gharfet ukoll a fol 77 it-tlett dokumenti esebiti mill-Ispettur Simon Galea u cioe Dok SM, SM1 u SM2 in kwantu jidher li kienet hi li ghaddiethom lill-istess spettur.

Anna Cauchi, oht Sonia Micallef tkellmet ukoll dwar l-incident in dizamina. Qalet li kienu ghaddejin mit-triq fejn toqghod l-istess Micallef, ghalhekk ma’ zewgha l-akkuzat. Spjegat ukoll li bejn Sonia u Jason kien hemm pendenzi ta’ separazzjoni. Qalet li hi rat lill-akkuzat hiereg mid-dar matrimonjali ma persuna ohra u x’hin gara hekk dawn regghu dahlu gewwa. Kien ghal hekk li Sonia Micallef waqfet ezattament quddiem il-bieb tad-dar taghha, Anna Cauchi semghet il-kelb jinbah, harset il-fuq u qalet lil ohtha Sonia Micallef biex issuq ghax ser iwaddab xi haga u fil-fatt fi kliemha waddbilna barmil a foll 64. Kienet kategorika li hi rat lil Jason Micallef iwaddab dan il-barmil. Qalet hekk fil-fatt, dejjem a foll 64 tal-process, ’waddbilna barmil mimli hmieg tal-klieb u gebel, kissrilna l-hgiega tal-kaorzza, bqajna sejrin dirett lejn l-ghassa u laqt lit-tfal go rashom. Lil Amy Micallef u lil Abigail Cauchi u bqajna sejrin il-polyclinic mill-ghassa. Dik kienet il-bicca xoghol.’ Ix-xhud Cauchi tkellmet ukoll dwar l-eta tat-tfal imwegga’ u cioe Amy Micallef li ghandha 5 u Abigail Cauchi li ghandha 10 snin.

Kien ghalhekk allura li kellha tixhed Abigail Cauchi li spjegat b’mod tat-tfal li kienet fil-car maz-zija Sonia u flimkien mal-mummy taghha u fl-istess vettura kien hemm il-baby tal-mummy cioe ohtha u l-cousin taghha u hawn hekk qed nifmhu allura li t-tifla Amy li tigi bint il-konjugi Micallef. Ghal hekk bint l-akkuzat. It-tifla spjegatilna hekk, li z-zija wara li l-mummy qaltilha biex issuq saqet ’. . . dak l-oggett nizel, nizel fuq il-hgiega ta’ wara tal-karozza,

kisser il-hgiega tan-naha tal-mummy ta' wara u kien hemm il-hgieg fil-karozza fuq is-seat.' Spjegat dak l-ogget li gie fil-karozza bhala qisu xi haga kannella. Mistoqsija dik il-haga kannella tafx x'kienet wiegbet fin-negattiv. Spjegat ukoll li dik il-haga kannella kellha riha tinten. Barra l-haga kannella li kienet fuq is-seat u mwahhla anke mal-hgieg, hi fi kliemha kien hemm anke hgieg fil-karozza.

Ta' importanza wkoll ghall-allegazzjonijiet ta' dak li ntefa fuq il-bejt u cioe gebel u barmil mimli bil-hmieg, dak li xehed PC 957 Carmel Montebello li ntbaghat mis-Surgent Lagrasta fuq il-post biex jistabbilixxi x'kien il-materjal jew l-oggett li gie mixhut minn fuq il-bejt. Fid-deposizzjoni tieghu l-istess kuntistabbli qal li fuq il-post ra barmil qisu tal-waterpaint mimli b'materjal kannella li kellu l-istess riha li xamm gol-ghassa meta Sonia Micallef marret taghmel ir-rapport (din ix-xhieda tinsab a fol 34 tal-process).

L-akkuzat Jason Micallef ghazel li jezercita d-dritt tieghu li jixhed, pero qabel ma wiehed jezmina dak li ddepona l-istess Jason Micallef, jigi premess ukoll li l-istess Jason Micallef kien irrilaxxja stqarrija lill-ufficjal investigattiv Spettur Simon Galea, liema stqarrija giet esebita mill-istess spettur bhala Dok JM a fol 16 tal-process. Tista' tghid li kemm fl-istqarrija kif ukoll fix-xhieda tieghu li ta viva voce quddiem din il-Qorti Jason Micallef ammetta li kien hu li tefa' l-barmil minn fuq il-bejt mimli bil-hmieg tal-kelb, hmieg li per parentesi lanqas biss kien frisk. Anzi jghid li forsi kien hmieg ta' inqas minn gimgha. Ir-raguni li Jason Micallef ta ghal din l-azzjoni kienet li hu kien ghaddej ghal sentejn, tlieta minn separazzjoni ma' martu u kien f'dan il-kors li kien hemm hafna inkwiet bejniethom u kien anke spicca mhedded minn martu tant li anke spiccaw b'garanzija. Jghid li dakinhar hu kien hiereg mill-bieb ta' barra. Sema' fil-fatti lehen martu u ohtha li jghajjruh bil-kliem kif deskritt b'mod sew fl-istqarrija. U b'hekk hassu mhedded. Jinnega is-Sur Micallef li fil-fatt hu kien jaf li fil-karozza kien hemm anke l-minorenni.

Tista' tghid li l-punto di partenza fejn ma taqbilx ix-xhieda tas-Sur Micallef ma' dak ta' martu u ta' ohtha hu l-fatt li s-Sur Micallef jghid li kien hiereg mid-dar wahdu mentri

martu u ohtha jghidu li rawh fil-kumpanija ta' terza persuna tas-sess femminili. Is-Sur Micallef fil-fatt kien insistenti ghall-fatt li hu waddab dan il-barmil ghaliex hassu mhedded. Fil-fatti jghid li hu gie mhedded u anke sema' l-kliem bhal 'niskarnak'. Jispjega hekk fil-fatti 'Iva kont ilni nhossni mhedded u bl-istess bizgha agixxejt hekk jiena.' (pagna 5 tax-xhieda ta' Jason Micallef). Jghid is-Sur Micallef fix-xhieda tieghu li kien jaf li l-barmil ma kienx vojt u li kien mimli bil-hmieg tal-kelb. Jghid ukoll li dan il-barmil kien ta' wiehed u hamsin, mhux fi kliemu qed isemmu galdarun u tefghu gholi ta' zewg sulari lejn id-direzzjoni tal-karozza. Anzi fi kliemu stess tefghu 'fid-direzzjoni tal-karozza minn fejn beda gej il-lehen ta' theddid.'

Ikkunsidrat, illi frankament din il-Qorti la hija kompetenti biex taghmel hekk u lanqas biss ghandha tidhol fil-kawza ta' separazzjoni u raguni ta' separazzjoni li hemm ezistenti, jekk ghandu hekk illum, bejn il-konjugi Micallef. Li hu zgur huwa li ma hemm ebda skuza ghal dak li ghamel Jason Micallef, anke jekk il-mara kaxkritlu il-kitchen cupboards kif semma l-istess Micallef fix-xhieda tieghu u l-avukat difensur fit-trattazzjoni. Lanqas ma jista' l-istess Jason Micallef igib bhala skuza l-fatt li hu tefa' barmil mimli hmieg lejn il-vettura li hu gharaf misjuqa minn martu meta jghid hu stess li gharaf li fil-vettura kien hemm martu u ohtha ghax gharaf lehinhom, il-fatt li hu hassu mhedded, anke jekk fil-konfront tieghu intuza kliem bhal 'niskarnawk'. Dan il-Qorti qed tghidu ghax l-istess Jason Micallef kellu s-sigurta li kien maghluq god-dar matrimonjali tieghu, ghal liema dar li jidher li l-istess Sonia Micallef ma ghandhiex access. Allura jekk verament hassu mhedded l-iktar azzjoni logika li setgha jaghmel l-istess Jason Micallef kien li jissakkar go daru u iktar u iktar jitlob il-protezzjoni tal-pulizija. Mhux pero' li jitfa' ebda oggett lejn il-vettura kif ghamel. Li tista' tghid il-Qorti lil Jason Micallef f'dan il-punt huwa li ghandu jirringrazzja il-hanin Alla li fil-fatti u r-rizultat ma kienx ghar ghax frankament seta' wegga' b'mod iktar serju liz-zewg minorenni li wahda minnhom kienet sahansitra bintu.

Ghaldaqstant il-Qorti qed issib lil Jason Micallef hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikolu 325, 214, 221 u 339 u 17 tal-Kap 9. Dwar il-piena, rat il-fedina penali tal-imputat li hija ghal kollox netta. Semghet ukoll li fix-xhieda ta' Martin Galdes, il-propjetarju tal-vettura li sofriet id-danni, (ara l-ewwel akkuza), l-istess Martin Galdes fil-fatt qal li hu ma ried xejn minghand Jason Micallef. F'dan ir-rigward l-rat l-artikolu 325 tal-Kap 9, senjalament it-tieni proviso ghall-istess artikolu. Ikkunsidrat ukoll li l-hsara skond id-dokumenti esebiti sofferta mill-vettura hija wahda li tiskorri l-LM50 ghalhekk mhux rinunzjabbli, pero' considerando dak kollu premess, anke ghall-fatt li bejn il-konjugi Micallef ghalkemm mhux skuzanti, jidher li almenu kien hemm problemi serji li wasslu anke ghal separazzjoni, tqis il-Qorti li l-ahjar piena hija dik ta' sentenza sospiza u qed tapplika l-istess wara li rat l-artikolu 28A tal-kap 9 u tikkundanna lil Jason Micallef ghal 9 xhur piena karcerarja sospizi ghal sentejn.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------